MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2008

Numru. 781/2006

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs
Valentino Cassar bin Anthony u Giuzeppa nee' Portelli,
imwieled fil-21 ta' Marzu, 1967 u residenti 18, Maranatha,
Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 6967(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Valentino Cassar li gie akkuzat talli nhar il-11.09.2006 ghal habta ta' 10:30hrs u fil-jiem ta' qabel din id-data zamm u kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar Pietro Beretta Cardone bin-

numru H 9062139 fil-fond Maranatha, Triq  l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex minghajr ma kellu licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija (Art 5 (1) Kap 480);

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' 5 (1) u l-Artikolu 51 (2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat;

Illi rrizulta ampjament illi l-imputat kellu arma tan-nar fil-pussess tieghu minghajr licenzja, izda irrizulta illi din kienet ghand l-imputat biex huwa jaghmel pjacir lil siehbu u jehodhielu ghat-tiswija;

Ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta' seba' mija u hamsin ewro (€750).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------